VERŻJONI ELETTRONIKA

Suppliment tal-Gazzetta tal-Gvern ta' Malta, Nru. 19,555, 8 ta' April, 2016
Taqsima B

A.L. 119 tal-2016

ATT TAL-1980 DWAR IR-REVIŻJONI TAL-LIĠIJIET STATUTARJI (ATT NRU. IX TAL-1980)

Ordni tal-2016 dwar Korrezzjoni tal-Liġijiet (ATT Nru XV tal-2016)

BIS-SAĦĦA tas-setgħat mogħtija bl-artikolu 7(3) tal-Att tal-1980 dwar ir-Reviżjoni tal-Liġijiet Statutarji, il-Kummissjoni tal-Liġijiet qed tagħmel din il-korrezzjoni.

Korrezzjoni fl-Att tal-2016 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi. Att Nru XV tal-2016.

1. L-artikolu 11(2)(b) tal-Att tal-2016 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(b) il-paragrafu (ċ) tal-artikolu 12, u l-artikoli 16(a)(ii) u (b), 19 u 20 mis-sena ta' stima 2017.".

Korrezzjoni fl-Att tal-2016 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi. Att Nru XV tal-2016.

2. L-artikolu 31(2) tal-Att tal-2016 li Jimplimenta Miżuri tal-Estimi għandu jiġi sostitwit b'dan li ġej:

"(a) l-artikoli 32 u 33 għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ fit-12 ta' Ottubru, 2015;

(b) l-artikoli 34, 35, 36, 38, 39, 40 u 41 għandhom jitqiesu li ġew fis-seħħ fit-13 ta' Ottubru, 2015; u

(ċ) l-artikolu 37 għandu jiġi fis-seħħ fl-1 ta' Jannar, 2016.".

Bidu fis-seħħ.

2. Il-Ministru għall-Ġustizzja, Kultura u Gvern Lokali stabbilixxa l-15 ta' Marzu, 2016, bħala d-data li fiha l-korrezzjoni magħmula mill-Kummissjoni tal-Liġijiet u ppubblikata f'dan l-Avviż Legali għandha tibda' sseħħ.